REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1050

tat-30 ta' Mejju 2023

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' rebars li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament (UE) 2017/1019 ([2]), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti staneg u vireg li jirrinforzaw il-konkos ("rebars") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja ("il-miżuri oriġinali"). L-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

(2) Id-dazju anti-dumping attwalment fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarussja ("il-Belarussja" jew "il-pajjiż ikkonċernat") huwa ta' 10.6 %.

1.2. Talba għal rieżami ta' skadenza

(3) Wara l-pubblikazzjoni ta' Notifika ta' skadenza imminenti ([3]), il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(4) It-talba għal rieżami tal-iskadenza ("it-talba") tressqet fis-16 ta' Marzu 2022 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar ("Eurofer" jew "l-applikant") f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-istaneg fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku li tirrappreżenta aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. It-talba kienet ibbażata fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għall-kontinwazzjoni ta' dumping u għar-rikorrenza ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni.

1.3. Bidu ta' rieżami ta' skadenza

(5) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni, fil-15 ta' Ġunju 2022, bdiet rieżami ta' skadenza dwar l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' rebars li joriġinaw mill-Belarussja abbażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]) ("in-Notifika ta' Bidu").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1019 tas-16 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti staneg u vireg li jirrinforzaw il-konkos li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja (ĠU L 155, 17.6.2017, p. 6).

([3]) L-avviż dwar skadenza imminenti tal-miżuri anti-dumping (ĠU C 372, 16.9.2021, p. 9).

([4]) Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping li japplikaw għall-importazzjonijiet ta' rebars li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja (ĠU C 231, 15.6.2022, p. 21).

1.4. **Perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami u perjodu kkunsidrat**

(6) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami" jew "RIP"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

1.5. **Partijiet interessati**

(7) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-applikanti, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produttur esportatur magħruf u lill-awtoritajiet fil-Belarussja, lill-importaturi, lill-utenti u lin-negozjanti magħrufa dwar il-bidu tal-iskadenza u stednithom jipparteċipaw.

(8) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.6. **Pajjiż rappreżentattiv**

(9) F'konformità mal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, peress li l-Belarussja mhijiex membru tad-WTO u hija elenkata fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), il-valur normali għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(10) Bl-għan li tfittex il-kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkuntattjat produtturi potenzjali ta' rebars li jinsabu fil-Bosnja-Ħerzegovina, fil-Korea t'Isfel, fir-Repubblika Dominicana, fl-Iżvizzera, fin-Norveġja, fit-Turkija, fl-Istati Uniti tal-Amerka (USA) u fl-Afrika t'Isfel. Hija rċeviet tweġiba minn produttur wieħed biss, li jinsab fl-Istati Uniti tal-Amerika.

(11) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn kwalunkwe produttur li jinsab f'pajjiż rappreżentattiv potenzjali ieħor, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiddetermina l-valur normali abbażi tal-informazzjoni li rċeviet mingħand dan il-produttur fl-Istati Uniti tal-Amerka.

(12) F'konformità mal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, il-partijiet ġew infurmati u ngħataw għaxart (10) ijiem biex jikkummentaw dwar l-għażla ta l-Istati Uniti tal-Amerka bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq. Ma wasal l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati.

1.7. **Kampjunar**

(13) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.7.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(14) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li hi kienet għażlet provviżorjament kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, filwaqt li qieset il-firxa ġeografika. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni, li jammontaw għal aktar minn 17 % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju. Ma wasal l-ebda kumment, għalhekk il-kampjun provviżorju ġie kkonfermat.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33).

1.7.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(15) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. L-ebda importatur mhux relatat ma pprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun.

1.7.3. *Teħid ta' kampjuni ta' produtturi fil-Belarussja*

(16) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi kollha fil-Belarussja jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Unjoni Ewropea biex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi oħra, f'każ li hemm, li jistgħu jkunu interessati li jieħdu sehem fl-investigazzjoni.

(17) Produttur wieħed biss ta' rebars mill-Belarussja, Byelorussian Steel Works ("BMZ"), ippreżenta ruħu. Għalhekk, ma kienx meħtieġ li jittieħdu kampjuni.

1.8. **Tweġibiet għall-kwestjonarju**

(18) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lit-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lill-applikant, lil BMZ u lill-produttur li kkoopera fil-pajjiż rappreżentattiv. Il-kwestjonarji kienu disponibbli wkoll online ([6]) fil-jum tal-bidu.

(19) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, l-applikant u l-produttur fl-Istati Uniti tal-Amerka.

(20) BMZ ma pprovdietx tweġiba għall-kwestjonarju u għalhekk tqieset li ma kkooperatx mal-Kummissjoni f'din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza.

(21) Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produttur Belarussu, il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u bbażat is-sejbiet tagħha fl-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza fuq il-fatti disponibbli.

1.9. **Verifika fuq il-post**

(22) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa bħala meħtieġa biex tiddetermina l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dumping u tad-dannu kif ukoll l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— SN Maia – Siderurgia Nacional S.A., Il-Portugal

— CMC Poland SP. z o.o, Il-Polonja

— Riva Acier S.A.S., Franza

L-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni

— Eurofer, Il-Belġju

Produttur f'pajjiż rappreżentattiv xieraq

— CMC, Irving, Texas, L-Istati Uniti tal-Amerka

([6]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2607.

1.10. **Proċedura sussegwenti**

(23) Fis-17 ta' April 2023, il-Kummissjoni ddivulgat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien biħsiebha żżomm fis-seħħ id-dazji anti-dumping. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni.

(24) L-applikant biss ipprovda kummenti li appoġġaw is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

2. **IL-PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Il-Prodott taħt rieżami**

(25) Il-prodott taħt rieżami huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri ċerti staneg u vireg li jirrinforzaw il-konkos, magħmula mill-ħadid jew azzar mhux illigat, mhux maħdumin aktar ħlief mikwijin fil-forġa, irrumblati bis-sħana, miġbudin bis-sħana jew estrużi bis-sħana, kemm jekk mibruma wara l-irrumblar kif ukoll jekk le, li fihom għafsiet, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħra prodotti matul il-proċess tal-irrumblar, li joriġinaw mill-Belarussja u li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7214 10 00, ex 7214 20 00, ex 7214 30 00, ex 7214 91 10, ex 7214 91 90, ex 7214 99 10 u ex 7214 99 95 ("il-prodott taħt rieżami"). L-istaneg u l-vireg li jirrinforzaw il-konkos tal-ħadid jew tal-azzar b'reżistenza għolja għar-reħi huma esklużi. Prodotti twal oħrajn, bħalma huma staneg tondi, huma esklużi.

2.2. **Prodott simili**

(26) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott taħt rieżami,

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż rappreżentattiv, u

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(27) Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW TA' RIKORRENZA TAD-DUMPING**

(28) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ twassal għal kontinwazzjoni jew għal rikorrenza tad-dumping mill-Belarussja.

3.1. **Kummenti preliminari**

(29) Skont il-bażi tad-*data* tal-Eurostat Comext, matul il-PIR, l-importazzjonijiet mill-Belarussja ammontaw għal madwar 206 200 tunnellata b'sehem mis-suq ta' madwar 1,9 %. L-Istati Membri prinċipali li jimportaw kienu: L-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja. Meta mqabbla mal-investigazzjoni oriġinali, l-importazzjonijiet u s-sehem mis-suq naqsu b'aktar min-nofs (jiġifieri 488 700 tunnellata u 5,0 % sehem mis-suq).

(30) Kif indikat fil-premessa (20), l-uniku manifattur Belarussu magħruf ma kkooperax mal-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet tal-Belarussja li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku dwar is-sejbiet fir-rigward tal-Belarussja. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment.

(31) Konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari l-Eurostat, il-bażi tad-*data* stabbilita skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku ("il-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6)"), Global Trade Atlas ("GTA") u t-talba.

(32) Il-volum u l-prezz tal-importazzjoni mill-Belarussja ġew iddeterminati abbażi tal-informazzjoni estratta mill-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6).

3.2. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku**

(33) Kif innotat fit-Taqsima 1.6 hawn fuq, f'konformità mal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, peress li l-Belarussja mhijiex membru tad-WTO u hija elenkata fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755, il-valur normali jenħtieġ li jiġi ddeterminat abbażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(34) Peress li l-Kummissjoni rċeviet tweġiba minn produttur wieħed biss, li jinsab fl-Istati Uniti tal-Amerka, hija ddeċidiet li tiddetermina l-valur normali fuq il-bażi tal-informazzjoni li waslet mingħand dan il-produttur fl-Istati Uniti, jiġifieri, fuq il-bażi tal-prezzijiet attwali ta' dak il-produttur li kkoopera.

3.3. **Valur normali**

(35) L-ewwel nett, il-Kummissjoni eżaminat jekk, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-volum totali tal-bejgħ tal-prodott simili mill-produttur li kkoopera lil klijenti indipendenti f l-Istati Uniti tal-Amerka kienx rappreżentattiv. Il-volum totali tal-bejgħ fl-Istati Uniti tal-Amerka tqabbel mal-volum totali tal-importazzjoni mill-Belarussja lejn l-Unjoni, kif irrappurtat fil-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6). Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni sabet li l-prodott simili kien inbiegħ fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq tal-Istati Uniti tal-Amerka.

(36) Il-Kummissjoni sussegwentement eżaminat għall-produttur li kkoopera fl-Istati Uniti tal-Amerka jekk kull tip ta' prodott simili mibjugħ domestikament setax jitqies bħala mibjugħ fl-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. It-tranżazzjonijiet tal-bejgħ tqiesu bħala profittabbli meta l-prezz unitarju kien daqs jew ogħla mill-ispiża tal-produzzjoni. Il-kost tal-produzzjoni ta' kull tip ta' prodott manifatturat mill-produttur fl-Istati Uniti tal-Amerka matul il-PIR ġie għalhekk determinat.

(37) Billi l-volum mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew ogħla mill-ispiża kkalkulata tal-produzzjoni (spejjeż tal-manifattura flimkien mal-ispejjeż SG &A), irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ domestiku, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali tal-produttur li kkoopera fl-Istati Uniti tal-Amerka.

3.4. **Prezz tal-esportazzjoni**

(38) Kif indikat fil-premessa (32), il-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Belarussja ġew stabbiliti abbażi tal-valuri tal-importazzjoni tal-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6), li ġew aġġustati għal-livell ex-works. Għal dak l-għan, l-ispejjeż tat-trasport li tnaqqsu kienu bbażati fuq informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba.

3.5. **Tqabbil**

(39) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

3.6. **Marġni tad-dumping**

(40) It-tqabbil wera marġni ta' dumping għall-pajjiż kollu għall-esportazzjonijiet Belarussi espress bħala perċentwal tal-valur doganali tal-Unjoni ta' 41.1 %.

4. **PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAD-DUMPING**

(41) Wara s-sejba tal-eżistenza ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping jekk jitħassru l-miżuri. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fil-Belarussja, ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni, u kemm hu attraenti s-suq tal-Unjoni. Ta' min ifakkar li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produttur esportatur tal-Belarussja u l-gvern tal-Belarussja, l-analiżi kienet ibbażata fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari l-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami u l-bażi tad-*data* statistika Global Trade Atlas ("GTA").

4.1. **Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fil-Belarussja**

(42) Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fil-Belarussja ġew stabbiliti abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba.

(43) Skont id-*data* pprovduta fit-talba, kontroverifikata ma' sorsi pubbliċi, il-kapaċità tal-produzzjoni għall-2021 fil-Belarussja kienet stmata għal aktar minn 2,6 miljun tunnellata ta' rebars bil-possibbiltà li tiżdied b' 300 elf tunnellata addizzjonali, jiġifieri 3 miljun tunnellata b'kollox ([7]). Skont id-*data* disponibbli, il-bejgħ tal-Belarussja ammonta għal 1,7 miljun tunnellata, li minnhom 700 elf ġew ikkunsmati domestikament u madwar 1 miljun ġew esportati ([8]). Għalhekk, il-kapaċità żejda kienet stmata għal aktar minn 900 000 tunnellata, li rrappreżentat aktar minn 8 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-PIR. Din il-kapaċità ta' riżerva tista' tintuża biex jiġi prodott il-prodott taħt rieżami għall-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

4.2. **Kemm hu attraenti s-suq tal-Unjoni**

(44) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba, l-industrija tar-rebars fil-Belarussja hija orjentata lejn l-esportazzjoni peress li madwar 85 % tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-azzar tal-Belarussja hija destinata għall-esportazzjoni. Skont il-bażi tad-*data* tal-GTA, is-suq tal-Unjoni kien is-suq ewlieni tal-esportazzjoni għall-Belarussja. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Belarussja lejn pajjiżi terzi (EUR 551/tunnellata) instabu bħala medja ta' EUR 10 għal kull tunnellata inqas meta mqabbla mal-prezzijiet medji tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni u 15 % inqas mill-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni (EUR 651/tunnellata). Meta jitqiesu dawn il-livelli tal-prezzijiet, l-esportazzjoni lejn l-Unjoni tkun potenzjalment aktar attraenti għall-esportaturi Belarussi mill-esportazzjoni lejn il-biċċa l-kbira tas-swieq l-oħra. Barra minn hekk, għadd kbir ta' pajjiżi esportaturi (jiġifieri l-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kanada, ir-Renju Unit, it-Turkija, l-Ukrajna, il-Malażja, il-Messiku, il-Marokk, il-pajjiżi tal-Golf, l-Eġittu, u pajjiżi oħra) saru dejjem aktar indisponibbli għall-Belarussja, minħabba provvista żejda domestika u miżuri kummerċjali kontra l-importazzjonijiet Belarussi.

(45) Is-suq tal-Unjoni kien attraenti wkoll għall-produttur Belarussu fid-dawl tal-prossimità ġeografika u d-daqs tiegħu, b'konsum totali ta' madwar 11-il miljun tunnellata.

(46) Għalhekk, f'termini ta' daqs, prezzijiet u prossimità, is-suq tal-Unjoni baqa' attraenti għall-produttur esportatur Belarussu vis-à-vis swieq oħra..

4.3. **L-impatt tas-sanzjonijiet kontra l-Belarussja**

(47) Il-Kummissjoni nnotat li minħabba l-aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, l-Unjoni imponiet pakketti suċċessivi ta' sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarussja li affettwaw ukoll il-prodotti tal-azzar u/jew il-kumpaniji tal-azzar li jipproduċu u jesportaw il-prodott taħt rieżami wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Sa mill-impożizzjoni tas-sanzjonijiet f'Marzu 2022, l-importazzjonijiet mill-Belarussja waqfu minn Ġunju 2022. Madankollu, is-sitwazzjoni attwali ma tistax titqies ta' natura dejjiema. Fil-fatt, peress li dawn is-sanzjonijiet huma marbuta mal-aggressjoni militari u mas-sitwazzjoni ġeopolitika sottostanti, il-kamp ta' applikazzjoni, il-modulazzjoni u/jew it-tul ta' żmien tagħhom huma imprevedibbli. Barra minn hekk, il-miżuri anti-dumping għandhom tul ta' ħajja ta' ħames snin. Meta wieħed jikkunsidra l-inċertezzi msemmija hawn fuq u l-fatt li l-Kunsill jista' jkompli jemenda l-ambitu u d-durata preċiżi tas-sanzjonijiet fi kwalunkwe mument, il-Kummissjoni sabet li dawn ma jistax ikollhom effett fil-konklużjonijiet tagħha f'dan il-proċediment. B'mod partikolari, il-Kummissjoni sabet li minkejja s-sanzjonijiet attwali, il-miżuri kienu għadhom meħtieġa skont it-tifsira tal-Artikolu 11(1) u (2) tar-Regolament bażiku.

4.4. **Konklużjoni dwar il-probabbiltà tat-tkomplija tad-dumping**

(48) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet mill-Belarussja komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping matul il-PIR.

(49) Barra minn hekk, il-kapaċità żejda fil-Belarussja kienet sinifikanti meta mqabbla mal-konsum tal-Unjoni matul il-PIR. Barra minn hekk, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni f'termini ta' daqs u prezzijiet indikat il-probabbiltà li l-esportazzjonijiet Belarussi jiġu diretti lejn is-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jiskadu, u l-kapaċità ta' riżerva tintuża wkoll biex jiżdiedu l-produzzjoni u l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni.

([7]) Il-produttur esportatur: https://eng.belsteel.com/about/rolling-production.php
([8]) Il-bażi tad-data tal-grupp CRU, https://www.crugroup.com/

(50) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm probabbiltà li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping tirriżulta f'żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott taħt rieżami mill-Belarussja lejn l-Unjoni.

(51) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni tad-dumping.

5. **DANNU**

5.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(52) Il-prodott simili kien immanifatturat minn madwar 25 produttur fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(53) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-PIR ġiet stabbilita fil-livell ta' madwar 11 200 000 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tat-tweġiba għall-kwestjonarju makroekonomiku pprovdut mill-applikant. Kif indikat fil-premessa (14) iktar 'il fuq, intgħażlu tliet produtturi mill-Unjoni fil-kampjun li kienu jirrappreżentaw iktar minn 17 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

5.2. **Konsum tal-Unjoni**

(54) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi tal-volum totali tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, flimkien mal-importazzjonijiet totali fl-Unjoni. Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni nkiseb mill-applikant u ġie aġġustat fejn applikabbli f'konformità mad-*data* vverifikata pprovduta fit-tweġibiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun għall-PIR. Fir-rigward tal-importazzjonijiet, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6).

(55) Abbażi ta' dan, il-konsum mill-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Konsum tal-Unjoni

	2018	2019	2020	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Konsum totali tal-Unjoni (tunnellati)	10 297 042	10 821 698	10 411 261	11 116 688
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*105*	*101*	*108*

Sors: Artikolu 14(6) bażi ta' *data* u tweġibiet għall-kwestjonarju.

(56) Il-konsum tal-Unjoni żdied bejn is-snin 2018 u 2019 b'5 %, naqas bi ftit fl-2020 biex kompla jiżdied fil-PIR. Il-fluttwazzjonijiet fil-konsum matul l-2020 u l-PIR kienu r-riżultat tat-tifqigħa tal-COVID-19 li rriżultat fit-tnaqqis tal-attività tal-operaturi ekonomiċi, li rriżulta fi tnaqqis fil-konsum, segwit mit-tkomplija tal-attivitajiet ekonomiċi.

(57) Il-konsum tal-Unjoni żdied kumplessivament bi 8 % tul il-perjodu kkunsidrat.

5.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

5.3.1. *Volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(58) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6). Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi tas-sehem ta' dawn l-importazzjonijiet fil-konsum totali tal-Unjoni kif stabbilit fit-taqsima 5.2.

(59) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet

	2018	2019	2020	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Belarus (tunnellati)	[72 000 – 80 000]	[80 000 – 90 000]	[125 000 – 140 000]	[200 000 – 210 000]
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*107*	*172*	*268*
Sehem mis-suq (%)	0,6 – 0,8	0,7 – 0,9	1 – 1,5	1,8 – 2,1
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*102*	*170*	*248*

Sors: Artikolu 14(6) bażi tad-*data* u tweġibiet għall-kwestjonarju

(60) L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mill-Belarussja żdiedu b'aktar mid-doppju matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn 72 000 – 80 000 tunnellata fl-2018 għal 200 000 – 210 000 tunnellata fil-PIR. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Belarussja wera żvilupp simili bħall-volum tal-importazzjonijiet u żdied b'mod sinifikanti kull sena, minn 0,6 % – 0,8 % fl-2018 għal 1,8 % – 2,1 % fil-PIR.

5.3.2. *Prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-Belarussja*

(61) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6).

(62) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-Belarussja żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjoni

	2018	2019	2020	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Il-Belarussja (EUR/tunnellata)	420 – 440	400 – 420	345 – 365	540 – 570
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*93*	*82*	*128*

Sors: Il-bażi tad-*data* tal-Art.14(6)

(63) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet naqsu minn 420 — EUR 440/tunnellata fl-2018 għal 345 — EUR 365/tunnellata fl-2020, iżda sussegwentement żdiedu għal 550 — EUR 570/tunnellata fil-PIR. B'mod ġenerali, iż-żieda bejn l-2018 u l-PIR kienet ta' 28 %, li tirrappreżenta żieda fil-prezz ta' 120 – EUR 130 għal kull tunnellata. Din iż-żieda ġenerali fil-prezzijiet kienet konformi max-xejra ġenerali tal-prezz tar-rebars fis-suq tal-Unjoni.

(64) Madankollu, il-prezz medju tal-importazzjoni mill-Belarussja, fil-livell CIF, matul il-perjodu kollu kkunsidrat kien aktar baxx mill-kost unitarju tal-produtturi tal-Unjoni kif deskritt hawn taħt fit-Taqsima 5.5.3.1 hawn taħt.

5.3.3. *Twaqqigħ tal-prezz*

(65) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-PIR billi qabblet il-prezz medju ponderat tal-importazzjoni fuq bażi ta' kost, assigurazzjoni, merkanzija ("CIF"), aġġustat għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni ([9])(inkluż id-dazju anti-dumping) mal-prezz tal-bejgħ medju ponderat, aġġustat fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika, tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun mitlub lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni.

(66) Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-PIR u wera li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-Belarussja waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'2,5 % – 3 %. Minbarra d-dazju anti-dumping, il-Kummissjoni stabbiliet twaqqigħ tal-prezz f'livell ta' 11,8 % – 12 %.

5.4. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr il-Belarussja**

(67) L-importazzjonijiet ta' rebars minn pajjiżi terzi għajr il-Belarussja kienu prinċipalment min-Norveġja, mir-Russja u mit-Turkija.

(68) Il-volum aggregat tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet fil-prezzijiet għall-importazzjonijiet tar-rebars minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

Volum tal-importazzjonijiet u sehem mis-suq minn pajjiżi terzi oħrajn

Pajjiż		2018	2019	2020	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
In-Norveġja	Volum (tunnellati)	91 685	91 068	150 285	148 780
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*99*	*164*	*162*
	Sehem mis-suq (%)	0,9	0,8	1,4	1,3
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	538	492	448	705
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*92*	*83*	*131*
It-Turkija	Volum (tunnellati)	212 854	142 755	38 735	63 558
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*67*	*18*	*30*
	Sehem mis-suq (%)	2,1	1,3	0,4	0,6
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	481	458	381	488
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*95*	*79*	*102*
Ir-Russja	Volum (tunnellati)	254 438	125 522	25 269	37 237
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*49*	*10*	*15*
	Sehem mis-suq (%)	2,5	1,2	0,2	0,3

([9]) Il-kost ta' wara l-importazzjoni ġie stabbilit f'livell ta' 2 % fl-investigazzjoni oriġinali.

	Prezz medju (EUR/tunnellata)	503	464	414	625
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*92*	*82*	*124*
Pajjiżi terzi oħrajn	Volum (tunnellati)	190 092	129 870	44 444	206 013
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*68*	*23*	*108*
	Sehem mis-suq (%)	1,8	1,2	0,4	1,9
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	812	476	441	691
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*59*	*54*	*85*
Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra l-Belarussja	Volum (tunnellati)	749 069	489 216	258 732	455 588
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*65*	*35*	*61*
	Sehem mis-suq (%)	7,3	4,5	2,5	4,1
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	579	471	434	662
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*81*	*75*	*114*

Sors: Artikolu 14(6) bażi tad-*data* u tweġibiet għall-kwestjonarju

(69) Matul il-PIR, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr il-Belarussja kien jirrappreżenta 4.1 % tal-konsum tal-Unjoni. Il-volum tal-importazzjoni naqas sostanzjalment fl-2020 u żdied matul il-PIR, iżda ma laħaqx il-livell tal-2019, li rriżulta fi tnaqqis ġenerali fis-sehem mis-suq tagħhom ta' 3,2 punti perċentwali fil-perjodu kkunsidrat. Il-medja tal-prezz tal-importazzjoni żdiedet b'14 % matul il-perjodu kkunsidrat. Matul il-PIR, il-prezz medju tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi għajr il-Belarussja kien ogħla meta mqabbel mal-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni (+ 2 %) u ogħla meta mqabbel mal-prezz medju tal-importazzjoni mill-Belarussja (+ 17 % - 20 %).

5.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

5.5.1. *Kummenti ġenerali*

(70) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' analiżi.

(71) Kif imsemmi fil-premessa (14), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(72) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* makroekonomika pprovduta mill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u d-*data* relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni li tinsab fit-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(73) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(74) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji unitarji, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

5.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

5.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(75) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

	2018	2019	2020	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	11 029 000	11 814 000	11 204 000	11 201 000
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*107*	*102*	*102*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	16 468 495	17 472 690	17 576 838	17 350 801
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*106*	*107*	*105*
Użu tal-kapaċità (%)	67	68	64	65
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*101*	*95*	*96*

Sors: *Data* vverifikata pprovduta mill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni

(76) B'mod ġenerali, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b' 2 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-volum tal-produzzjoni żdied b'7 % bejn l-2018 u l-2019. Matul il-pandemija tal-COVID-19 fl-2020, il-produzzjoni naqset b' 5 % meta mqabbla mal-2019 u baqgħet l-istess fil-PIR.

(77) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet b'5 % matul il-perjodu kkunsidrat. L-użu tal-kapaċità naqas minn 67 % fl-2018 għal 65 % fil-PIR.

5.5.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(78) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

	2018	2019	2020	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Volum tal-bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	9 517 192	10 293 817	10 054 658	10 507 529
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*108*	*106*	*110*

Sehem mis-suq (%)	92	95	96	94
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*103*	*105*	*102*

Sors: Il-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6) u d-*data* vverifikata pprovduta mill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni

(79) Il-volum totali ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni żdied b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan żdied bi 8 % bejn l-2018 u l-2019 u mbagħad naqas bi ftit bi 2 % fl-2020, biex ikompli jiżdied b'4 % matul il-PIR.

(80) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żdied ħarira bi 2 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan żdied b'5 % bejn l-2018 u l-2020, iżda naqas matul il-PIR.

5.5.2.3. Tkabbir

(81) It-tkabbir fil-konsum fl-Unjoni kien ta' 8 % matul il-perjodu kkunsidrat. L-industrija tal-Unjoni bbenefikat minn din iż-żieda fil-konsum u saħansitra żiedet bi ftit is-sehem mis-suq tagħha bi 2 % matul il-perjodu kkunsidrat.

5.5.2.4. Impjiegi u produttività

(82) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Impjiegi u produttività

	2018	2019	2020	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Għadd ta' impjegati	5 507	6 159	5 999	5 557
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*112*	*109*	*101*
Produttività (tunnellata/impjegat)	2 002	1 918	1 867	2 015
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*96*	*93*	*101*

Sors: Data vverifikata pprovduta mill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni

(83) L-għadd ta' impjegati varja matul il-perjodu ta' analiżi. Dan żdied mill-2018 sal-2019 bi 12 % u mbagħad naqas gradwalment fl-2020 u fil-PIR għal livell kemxejn ogħla mil-livell tal-2018. Il-produttività naqset mill-2018 sal-2020 b'7 % u żdiedet bi 8 % mill-2020 sal-PIR. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-produzzjoni żdiedet b'1 %.

5.5.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(84) Il-marġni tad-dumping stabbilit matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien ogħla b'mod sinifikanti mil-livell *de minimis*, filwaqt li l-livell tal-importazzjonijiet mill-Belarussja matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien ta' 1.9 % tal-konsum tal-Unjoni.

5.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

5.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(85) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-prodotturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Il-prezzijiet tal-bejgħ u l-kost tal-input fl-Unjoni

	2018	2019	2020	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Prezz medju tal-bejgħ unitarju fl-Unjoni (EUR/tunnellata)	508	469	424	651
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*92*	*83*	*128*
Kost unitarju tal-produzzjoni	477	438	410	578
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*92*	*86*	*121*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-prodotturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(86) Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati naqas bi 17 % bejn l-2018 u l-2020, li jirrifletti t-tnaqqis fil-kost unitarju tal-produzzjoni. Fil-PIR, il-prezz żdied b'45 % meta mqabbel mal-2020. Iż-żieda fil-prezz kienet xprunata minn żieda fil-kost unitarju tal-produzzjoni u żieda fid-domanda wara l-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19.

(87) Id-dazji anti-dumping attwali ppermettew lill-industrija tal-Unjoni tibqa' kompetittiva mal-livell attwali tal-prezzijiet, peress li, kif spjegat fil-premessa (64), matul il-perjodu kollu kkunsidrat il-kostijiet unitarji tal-prodotturi tal-Unjoni kienu ogħla mill-prezz medju tal-importazzjoni mill-Belarussja.

5.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(88) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-prodotturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2018	2019	2020	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	41 477	41 434	40 137	42 622
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*100*	*97*	*103*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-prodotturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(89) Il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat tal-industrija tal-Unjoni żdied b' 3 % matul il-perjodu kkunsidrat, bi tnaqqis temporanju ta' 3 % fl-2020, prinċipalment minħabba l-għeluq tal-produzzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

5.5.3.3. Inventarji

(90) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Inventarji

	2018	2019	2020	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati)	186 048	181 490	170 626	193 376
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*98*	*92*	*104*
Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	10,2	9,6	9,6	9,7
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*94*	*93*	*95*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(91) Il-prezzijiet żdiedu bi 4 % matul il-perjodu kkunsidrat.

5.5.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(92) Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Profittabilità, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2018	2019	2020	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	8,4	5,0	4,9	15,3
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*60*	*58*	*183*
Fluss tal-flus (EUR)	77 870 905	63 476 067	41 354 068	109 174 968
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*82*	*53*	*140*
Investimenti (EUR)	21 227 319	15 647 296	17 870 081	18 838 367
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*74*	*84*	*89*
Redditu fuq l-investimenti (%)	102	69	51	215
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*68*	*50*	*211*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(93) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset bejn l-2018 u l-2020 minn 8,4 % għal 4,9 %, segwita minn żieda qawwija bejn l-2020 u l-PIR biex laħqet il-15,3 %. Matul il-PIR, iż-żieda fid-domanda, spjegata mill-irkupru ekonomiku ta' wara l-COVID-19, ippermettiet lill-industrija żżid il-prezzijiet tagħha b'rata ogħla miż-żieda fil-kost tal-produzzjoni, li rriżultat f'żieda fil-profittabbiltà. Id-dazji anti-dumping fis-seħħ ippermettew lill-industrija tal-Unjoni terġa' lura għal sitwazzjoni kummerċjali b'saħħitha. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienet ogħla mill-profitt fil-mira stabbilit matul l-investigazzjoni oriġinali (4,8 %).

(94) L-investigazzjoni wriet li l-PIR kien ikkaratterizzat minn ċirkostanzi eċċezzjonali, marbuta mat-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, segwiti minn irkupru ekonomiku rapidu. B'mod partikolari fl-2020, is-suq tar-rebars tal-Unjoni ra perturbazzjoni kbira minħabba l-COVID-19, b'volatilitajiet eċċezzjonali. Matul l-ewwel nofs tal-2020 il-produzzjoni twaqqfet temporanjament minħabba n-nuqqas ta' ordnijiet. Fi stadju aktar tard, fit-tieni nofs tal-2020 u fil-PIR, il-profittabbiltà tal-produtturi tar-rebars tal-Unjoni tjiebet, hekk kif id-domanda kompliet tirkupra aktar malajr milli mistenni. F'dan ir-rigward, it-titjib fil-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni matul il-PIR x'aktarx kien ta' natura temporanja, peress li kien prinċipalment dovut għal żieda eċċezzjonalment mgħaġġla u qawwija fid-domanda li wasslet għal livelli ogħla ta' prezzijiet.

(95) Il-fluss ta' flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett żdiedet b' 40 % xprunata mill-profittabbiltà iżda b'rata aktar baxxa, li tirrifletti għal darb'oħra l-effett pożittiv tad-dazji anti-dumping u ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fil-PIR deskritti fil-premessa (94).

(96) Il-livell ta' investiment naqas bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(97) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Naqas bejn l-2018 u l-2020 minn 102 % għal 51 % u żdied drastikament bejn l-2020 u l-PIR. B'mod ġenerali, ir-redditu fuq l-investimenti żdied b'aktar mid-doppju matul il-perjodu kkunsidrat.

5.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(98) Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tad-dannu, bħall-volum tal-bejgħ tal-Unjoni, is-sehem mis-suq, l-impjiegi, il-profittabbiltà u l-fluss tal-flus żviluppaw b'mod pożittiv matul il-perjodu kkunsidrat. Għalkemm ix-xejra tal-indikaturi bħall-istokks tal-għeluq u l-investimenti kienet negattiva matul dan il-perjodu, il-livelli assoluti tagħhom huma sodisfaċenti u għalhekk ma indikawx sinjal ta' dannu materjali.

(99) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni rkuprat minn dannu preċedenti u ma ġarrbitx dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-PIR.

6. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNU**

(100) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (99) li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul il-PIR. Għaldaqstant, il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(101) Sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżat oriġinarjament mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat, il-Kummissjoni eżaminat: (i) il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità żejda fil-Belarussja; u (ii) il-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Belarussja u l-impatt tagħhom fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

6.1. **Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fil-Belarussja**

(102) Kif indikat fil-premessa (49) hawn fuq, il-kapaċità żejda fil-Belarussja kienet stmata għal aktar minn 900 000 tunnellata, li rrappreżentat aktar minn 8 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-PIR. Din il-kapaċità żejda tista' tintuża biex tforni s-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri attwali jitħallew jiskadu.

6.2. **L-attraenza tas-suq tal-Unjoni, il-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Belarussja u l-impatt tagħhom fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri jiskadu**

(103) Kif stabbilit fil-premessi (44) sa (46), f'termini ta' daqs, prezzijiet u prossimità, is-suq tal-Unjoni baqa' attraenti għall-produtturi esportaturi Belarussi.

(104) Il-Kummissjoni analizzat il-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Belarussi fl-Unjoni. Il-prezzijiet medji ponderati tal-importazzjonijiet mill-Belarussja, fin-nuqqas ta' dazji anti-dumping, kienu ferm aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Matul il-PIR l-importazzjonijiet mill-Belarussja ([10]) kienu 13 % sa 15 % inqas mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessi (64) u (87) il-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Belarussi kien saħansitra aktar baxx mill-kost tal-produzzjoni tal-Unjoni. Konsegwentement, huwa probabbli li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, is-suq tal-Unjoni jsir saħansitra aktar attraenti għall-Belarussja.

(105) Bl-istess mod, sabiex jiġi vvalutat l-impatt tal-importazzjonijiet futuri fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni qieset ukoll li l-livelli tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Belarussi lejn swieq terzi jkunu indikatur raġonevoli tal-livelli tal-prezzijiet futuri lejn is-suq tal-Unjoni.

(106) Kif stabbilit fil-premessa (44) hawn fuq, il-Kummissjoni analizzat il-livell tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Belarussi lejn swieq terzi u sabet li dawn il-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu ferm aktar baxxi meta mqabbla mal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni (15 %). Għalhekk, is-suq tal-Unjoni, f'termini ta' prezzijiet, jibqa' attraenti ħafna għall-produtturi Belarussi.

(107) Meta wieħed iqis dan ta' hawn fuq, u jekk jiġu ffaċċjati b'żieda fl-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-Belarussja, il-produtturi tal-Unjoni, f'tentattiv li jżommu l-volumi tal-bejgħ u l-ishma mis-suq, ikunu mġiegħla jnaqqsu l-prezzijiet tagħhom. Dan ikollu impatt fuq il-profittabbiltà ġenerali tal-industrija li tiddeterjora.

(108) Min-naħa l-oħra, jekk l-industrija tal-Unjoni żżomm il-livelli attwali tal-prezzijiet tagħha, dan ikollu impatt negattiv kważi immedjat fuq il-volum tal-bejgħ u tal-produzzjoni tagħha, kif ukoll fuq is-sehem mis-suq. Barra minn hekk, tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni jirriżulta f'żieda fil-kost tal-produzzjoni tal-oġġett minħabba t-tnaqqis fil-benefiċċji ta' ekonomija ta' skala. Dan ikompli jdgħajjef il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni. B'telf ta' profittabbiltà, l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' twettaq l-investimenti meħtieġa. Fl-aħħar mill-aħħar, dan iwassal ukoll għal telf ta' impjiegi u riskju ta' għeluq tal-linji tal-produzzjoni.

(109) Il-prodott taħt rieżami huwa affettwat mill-pakketti ta' sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarussja, madankollu, kif imsemmi fil-premessa (47), is-sitwazzjoni attwali ma tistax titqies ta' natura dejjiema. Il-Kummissjoni sabet li dawn ma jistax ikollhom effett fil-konklużjonijiet tagħha f'din l-investigazzjoni.

6.3. **Konklużjoni dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza ta' ħsara**

(110) Abbażi ta' dan, huwa konkluż li n-nuqqas ta' miżuri x'aktarx li jirriżulta f'żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Belarussja bi prezzijiet dannużi u li x'aktarx jerġa' jseħħ dannu materjali.

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(111) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

([10]) Jekk l-ispiża ta' wara l-importazzjoni ta' 2 % tiġi inkluża d-differenza fil-prezz tkun ta' 11,8 % – 12 % kif stabbilit fil-premessa (66).

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(112) Kif iddikjarat fil-premessa (99), l-industrija tal-Unjoni rkuprat mill-ħsara kkawżata minn dumping li seħħ fil-passat. Jekk il-miżuri eżistenti jitħallew jiskadu, l-industrija tal-Unjoni x'aktarx li tħabbat wiċċha ma' żieda fil-kompetizzjoni inġusta mill-produtturi tal-Belarussja li x'aktarx twaqqaf l-irkupru kontinwu tal-industrija tal-Unjoni.

(113) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-kontinwazzjoni tal-miżuri tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni

7.2. **Interess tal-importaturi u tan-negozjanti mhux relatati**

(114) Kif imsemmi fil-premessa (15), l-ebda importatur ma ppreżenta ruħu wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' bidu u matul l-investigazzjoni. Għalkemm ma setax jiġi eskluż li l-impożizzjoni tal-miżuri kellha impatt negattiv fuq l-attività tagħhom, l-importaturi ma kinux dipendenti fuq il-Belarussja u setgħu jakkwistaw il-prodott taħt rieżami minn pajjiżi oħra, bħan-Norveġja u t-Turkija. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li mill-perspettiva tal-importaturi, ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti biex il-miżuri eżistenti ma jiġux estiżi.

7.3. **Interess tal-utenti**

(115) L-ebda utent ma ppreżenta ruħu wara l-pubblikazzjoni tan-notifika ta' bidu u matul l-investigazzjoni. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-konklużjoni milħuqa fl-investigazzjoni oriġinali ([11]) ma kinitx għadha valida u li ż-żamma tal-miżuri jkollha impatt negattiv fuq l-utenti li jegħleb l-impatt pożittiv tal-miżuri.

7.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(116) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti dwar l-importazzjonijiet tar-rebars li joriġinaw mill-Belarussja.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(117) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' dumping, ir-rikorrenza tad-dannu u l-interess tal-Unjoni, il-miżuri anti-dumping fil-konfront tar-rebars mill-Belarussja jenħtieġ li jinżammu.

(118) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u al-Kunsill ([12]), meta ammont ikun irid jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(119) Il-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

([11]) B'mod ġenerali, ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-prodott imħassba mill-Belarus

([12]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti staneg u vireg li jirrinforzaw il-konkos, magħmulin tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, mhux maħdumin aktar ħlief mikwijin fil-forġa, irrumblati bis-sħana, miġbudin bis-sħana jew estużi bis-sħana, kemm jekk mibruma wara l-irrumblar kif ukoll jekk le, li fihom għafsiet, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħra prodotti matul il-proċess tal-irrumblar, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7214 10 00, ex 7214 20 00, ex 7214 30 00, ex 7214 91 10, ex 7214 91 90, ex 7214 99 10 u ex 7214 99 95 (il-kodiċijiet TARIC 7214 10 00 10, 7214 20 00 20, 7214 30 00 10, 7214 91 10 10, 7214 91 90 10, 7214 99 10 10, 7214 99 95 10) u li joriġinaw mill-Belarussja. L-istaneg u l-vireg li jirrinforzaw il-konkos tal-ħadid jew tal-azzar b'reżistenza għolja għar-reħi huma esklużi. Prodotti twal oħrajn, bħalma huma staneg tondi, huma esklużi.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ta' 10,6 %.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN